



Brussell, 11 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13398/19

JEUN 114
EDUC 449
SPORT 100
EMPL 561
SOC 741
DIGIT 166
SUSTDEV 163
CLIMA 295
ENV 914

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Viżjoni għall-ħidma fost iż-żgħażaġħ fl-Ewropa – it-tibdil fil-klima, iż-żgħażaġħ u l-ħidma fost iż-żgħażaġħ - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i> (<i>Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill</i>) <i>[propost mill-Presidenza]</i>

Wara konsultazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' diskussjoni meħmuż, li huwa ppreżentat bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fil-21-22 ta' Novembru 2019.

Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport

Brussell, 21 u 22 ta' Novembru 2019

- Dibattitu ta' orjentazzjoni dwar iż-żgħażaġh -

"Viżjoni għall-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa – it-tibdil fil-klima, iż-żgħażaġh u l-ħidma fost iż-żgħażaġh"

- Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza -

1. Il-kriżi klimatika bħala l-aktar kwistjoni globali urġenti

Ir-Rapport Speċjali tal-2018 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) enfażizza bil-qawwa li t-tisħin globali għandu jkun limitat għal 1.5 °C meta mqabbel maż-żminijiet preindustrijali sabiex jiġu evitati l-aktar konsegwenzi severi tat-tibdil fil-klima. F'Mejju 2019, in-Nazzjonijiet Uniti ppubblikaw Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità, li ddikjara li d-dinja tinsab "fuq twissija" hekk kif miljun speċi qed jiffaċċjaw l-estinzjoni – marbuta wkoll mat-tibdil fil-klima. Fl-2019, l-IPCC ħareġ rapporti speċjali dwar it-tibdil fil-klima u l-art u dwar l-oċean u l-krijosfera. Matul dawn l-aħħar ftit snin, it-tibdil fil-klima tela' f'daqqa fuq quddiem nett fis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u fil-quċċata tal-aġenda politika madwar id-dinja.

2. It-tibdil fil-klima bħala prijetà ewlenija għall-Unjoni Ewropea

L-Unjoni Ewropea insistiet kontinwament għal approċċ dejjem aktar ambizzjuż biex jittaffa t-tibdil fil-klima, u llum il-ġurnata l-prevenzjoni tal-effetti perikolużi tat-tibdil fil-klima hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħha. Hija stabbiliet miri għall-2030 biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u biex jiżdiedu l-konsum tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. L-azzjonijiet ewlenin tal-UE jikkonsistu f'taħlita ta' appoġġ finanzjarju u ta' regolamentazzjoni. Skont l-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru, iż-żgħażaġh jikkunsidraw li l-protezzjoni tal-ambjent u l-għieda kontra t-tibdil fil-klima, flimkien mal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-għieda kontra l-faqar u l-inugwaljanzi soċjali għandhom ikunu l-oġġetti prijetajiet għall-UE fis-snin li ġejjin.

Fil-qasam taż-żgħażaġh, it-tibdil fil-klima kien imsemmi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija ġdida tal-UE għaż-Żgħażaġħ għall-2019-2027. Il-Kummissjoni riedet li l-istrateġija "tgħammar liż-żgħażaġh b'ħiliet għall-ħajja biex ikampaw f'dinja li qed tinbidel" u "tagħti attenzjoni speċjali" liż-żgħażaġh bħala partijiet ikkonċernati lokali u globali, filwaqt li nnotat li "ż-żgħażaġh huma impenjati li jindirizzaw l-isfidi globali, b'mod partikolari l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Filwaqt li l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 ma fihix rakkomandazzjonijiet speċifiċi fir-rigward tar-rwol taż-żgħażaġh b'rabta mat-tibdil fil-klima, hija għandha l-għan li "tħeġġeġ u tgħammar liż-żgħażaġh bir-riżorsi meħtieġa biex isiru ċittadini attivi". L-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ, li huma parti mill-istrateġija u għandhom iservu ta' ispirazzjoni għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE, jirrikonoxxu li "jeħtieġ li s-soċjetà tagħxi kontra t-tibdil fil-klima u t-theddid ambjentali li qed jikber".

3. Iż-żgħażaġh: l-ewwel li jieħdu passi

Huwa interessanti li, bħal ħafna bidliet soċjetali oħra, kienu ż-żgħażaġh l-ewwel li semmgħu leħinhom.

Il-kampanji ta' strajks għall-klima miż-żgħażaġh "Fridays for Future" ("Nhar ta' Ġimgħa għall-Ġejjieni") bdew fl-2018, xhur qabel il-pubblikazzjoni tar-Rapport Speċjali tal-IPCC f'Ottubru 2018. Il-kampanji ta' strajks għall-klima miż-żgħażaġh infirxu malajr madwar id-dinja kollha – u bdew jiksibu l-attenzjoni mill-media. Minkejja li kien mistenni li d-dimostrazzjonijiet jiddgħajfu gradwalment, fil-fatt komplew jattiraw aktar u aktar żgħażaġh fit-toroq. L-istrajks għall-klima ta' Settembru 2019 għabru bejn 6 sa 8 miljun dimostrant f'4 500 post f'150 pajjiż madwar id-dinja kollha. Barra minn hekk, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u d-dibattitu politiku dwar it-tibdil fil-klima laħqu l-ogħla livell, b'mod partikolari fl-UE.

L-azzjoni taż-żgħażaġh dwar it-tibdil fil-klima hija eżempju ewlieni ta' kif iż-żgħażaġh ikkontribwew biex imexxu l-aġenda politika 'l quddiem u jwessgħu l-ambitu tal-ħidma fost iż-żgħażaġh. Il-pajsaġġ li qed jitfaċċa b'riżultat ta' dan jagħti lok għal kull tip ta' mistoqsijiet u kunsiderazzjonijiet ġodda.

4. *Messaġġ li għandu jittieħed mill-attiviżmu favur il-klima taż-żgħażaġh*

L-attiviżmu favur il-klima taż-żgħażaġh huwa fenomenu li ċertament jistħoqqlu riflessjoni, inkluż mill-perspettiva tal-ħidma fost iż-żgħażaġh. L-ewwel ħaġa li trid tiġi diskussa hija liema tip ta' obbligu jew messaġġ qed jingħata lis-soċjetà u lil min jieħu d-deċiżjonijiet minħabba l-fatt li ż-żgħażaġh, f'numri kbar u b'enerġija spettakolari, qed jibqgħu jitolbu b'mod persistenti għal politiki klimatiċi aktar stretti. F'ħafna pajjiżi, il-vuċijiet tagħhom instemgħu, u l-politiċi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet faħħru liż-żgħażaġh, fehmu li t-talbiet tagħhom kienu leġittimi u wiegħdu li jippromwovu l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima – anke jekk, b'mod ġenerali, in-nies u l-politiċi għadhom mhux qed jaqblu bejniethom dwar din il-kwistjoni. Jista' jkun li l-inkuraġġiment politiku mhux dejjem ikun biżżejjed: għalkemm in-nies jistgħu japprezzaw u jifhmu t-tħassib taż-żgħażaġh, meta jasal il-waqt li n-nies fil-fatt jagħmlu s-sagrifiċċji, pereżempju, fil-ħajja personali tagħhom jew fil-mod kif jiġu ġestiti l-kumpanniji, sfortunatament ftit li xejn iseħħ. Dan huwa marbut ma' dak li forsi huwa l-aktar komputu essenzjali tal-ħidma fost iż-żgħażaġh: li ż-żgħażaġh jiġu mmotivati biex ikunu ċittadini attivi u jappoġġaw it-twelmin tagħhom fil-parteċipazzjoni. Iż-żgħażaġh strajkjaw b'ħafna enerġija u tama fl-azzjoni tagħhom, u jekk jidher li dan mhu ser iwassal imkien, jista' jkun hemm konsegwenzi serji għat-twelmin tagħhom f'ċittadinanza attiva.

5. *Lejn tiġdid metodoloġiku u edukattiv*

B'kont meħud tal-esperjenza miksuba fir-rigward tat-tibdil fil-klima u l-attiviżmu politiku taż-żgħażaġh, il-ħidma fost iż-żgħażaġh għandha twieġeb għat-tħassib dwar il-klima taż-żgħażaġh filwaqt li fl-istess ħin tinnotta d-differenzi fl-opinjoni tagħhom. Billi l-ħidma fost iż-żgħażaġh tippermetti li jintlaħqu varjetà ta' żgħażaġh, tista' tinkoraġġihom biex isiru interessati fit-tibdil fil-klima u l-ħsieb ambjentali. Il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh għandhom ikunu kapaċi jikkellmu dwar it-tibdil fil-klima u jkun konxji mill-effetti tat-tibdil fil-klima fuq il-ħajja tal-bniedem u l-ambjent. Din mhijiex biss kwistjoni li jiġu appoġġati ż-żgħażaġh li huma diġà attivi, iżda wkoll li jiġu promossi l-ħsieb kritiku u l-kreattività, kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem, il-valuri demokratiċi u ċ-ċittadinanza attiva, minbarra li jiġu kunċettwalizzati mill-ġdid u forsi anki skoperti mill-ġdid prattiki eżistenti fil-ħidma fost iż-żgħażaġh.

Diġà hemm ħafna metodi ta' ħidma fost iż-żgħażaġh għall-edukazzjoni dwar in-natura u l-ambjent, kif ukoll NGOs li jispeċjalizzaw f'dawk l-oqsma. L-edukazzjoni permezz tal-avventura u li ssir fil-miftuħ ilha qrib il-ħidma fost iż-żgħażaġh. Jeżistu ċentri taż-żgħażaġh li jiffukaw fuq l-edukazzjoni ekoloġika. Fis-sitwazzjoni tal-lum, fejn iż-żgħażaġh qed iqajmu dejjem aktar is-suġġett mal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, jista' jkun raġonevoli li niġbru flimkien l-għarfien eżistenti tagħna dwar il-prattiki u nimpennjaw ruġna – bl-għajjnuna taż-żgħażaġh – fl-iżvilupp ta' attivitajiet u metodi ta' ħidma ġodda.

Mistoqsija oħra hija kif għandhom jiġu organizzati t-taħriġ u l-edukazzjoni għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh biex jgħinuhom jilhqqu l-aspettattivi taż-żgħażaġh. Din is-sitwazzjoni l-għdida tiftaħ il-possibbiltajiet għal tiġdid edukattiv. It-transizzjoni lejn dinja aktar sostenibbli tista' titwettaq biss jekk ma nitilfux it-tama li ser insibu soluzzjonijiet alternattivi. L-użu attiv taż-żgħażaġh tal-media diġitali (il-media soċjali, l-arti, il-vidjo) joffri opportunità għal immaġnijiet klimatiċi alternattivi, filwaqt li jissensibilizza dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima u jissuġġerixxi modi biex dan jiġi miġġieled.

6. Nitgħallmu mill-forom ġodda ta' ċittadinanza attiva taż-żgħażaġh

L-istrajks fl-iskejjel għat-tibdil fil-klima jikkonfermaw li qed jitfaċċaw forom ġodda ta' kapaċità taż-żgħażaġh biex jieħdu azzjoni. Il-moviment mhuwiex organizzazzjoni taż-żgħażaġh, mhuwiex partit politiku taż-żgħażaġh, mhuwiex organizzat permezz tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, mhuwiex konfokka ta' grupp żgħir u mhuwiex avveniment ta' darba għaż-żgħażaġh. L-istrajks tal-iskejjel juru li jekk iż-żgħażaġh ikunu motivati biżżejjed, isibu mod kif jesprimu ruġhom. Jista' jkun utli għal dawk involuti fil-ħidma fost iż-żgħażaġh li jirriflettu dwar l-attivitajiet u l-metodi tagħhom stess fid-dawl tal-azzjoni klimatika taż-żgħażaġh, kif ukoll dwar liema tip ta' miżuri neħtieġu biex nikkumplimentaw il-mudelli ta' parteċipazzjoni eżistenti taż-żgħażaġh biex ikunu adattati għall-forom emerġenti ta' ċittadinanza attiva fost iż-żgħażaġh.

7. *It-tibdil fil-klima fil-ħidma fost iż-żgħażaġh bħala sfida transettorejali*

It-tibdil fil-klima huwa kwistjoni soċjetali wiesgħa li tkopri kemm is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll is-soċjetà ċivili. Il-politika transettorejali dwar iż-żgħażaġh ilha fuq l-aġenda dwar il-qasam taż-żgħażaġh għal żmien twil ħafna u hija enfasizzata fl-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027. Il-kooperazzjoni transettorejali dwar it-tibdil fil-klima teħtieġ li sseħħ mill-inqas fi tliet livelli: dak Ewropew, nazzjonali u lokali. Fl-UE, l-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima fil-qasam taż-żgħażaġh għandha l-potenzjal li tkun marbuta ma' azzjoni fi kwalunkwe settur li jaħdem fuq it-tibdil fil-klima. Fil-livell governattiv, kwalunkwe attività ta' politika dwar iż-żgħażaġh dwar it-tibdil fil-klima għandha tkun marbuta mal-pjanijiet ta' azzjoni ġenerali rispettivi. Peress li l-kooperazzjoni transettorejali tidher li qed ikollha l-aktar suċċess fil-livell lokali, jista' jkun rakkomandabbli li jinħolqu attivitajiet dwar it-tibdil fil-klima li jgħaqqdu flimkien liż-żgħażaġh, il-ħidma fost iż-żgħażaġh, setturi rilevanti oħra (bħall-iskejjel), organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u kumpanniji privati interessati. Fil-ħidma municiipali taż-żgħażaġh, is-servizzi taż-żgħażaġh għandhom l-opportunità li jiffunzjonaw bħala medjaturi bejn iż-żgħażaġh, l-attivitajiet tagħhom u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Ta' spiss iż-żgħażaġh jesprimu t-tħassib tagħhom lil hinn mill-istrutturi stabbiliti tad-demokrazija rappreżentattiva, permezz tal-media soċjali, komunitajiet diġitali, espressjoni artistika, mużika jew movimenti kollettivi (bħal strajks tal-iskejjel), li jistgħu jeħtieġu wkoll medjazzjoni ulterjuri.

8. *Mistoqsijiet għad-dibattitu*

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-ministri huma mistiedna jirriflettu dwar waħda jew aktar mit-tliet mistoqsijiet li ġejjin (massimu ta' tliet minuti).

- 1) *Kif nistgħu nsaħħu l-kapaċità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh biex tirrispondi għall-isfidi emerġenti li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh fil-kuntest tat-tibdil fil-klima?***
- 2) *Kif tista' l-ħidma fost iż-żgħażaġh tappoġġa liż-żgħażaġh fl-attiviżmu tagħhom favur il-klima u fil-bini ta' futur sostenibbli?***
- 3) *It-tibdil fil-klima huwa sfida transettorejali. Kif jista' s-settur taż-żgħażaġh jaġixxi bħala sieħeb fil-kooperazzjoni transettorejali?***